**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Ottubru, 2020**

**Mandat Nru: 1315/2020 AF**

**Carmel *sive* Charles Camilleri**

**vs**

**Charmaine *sive* Carmen Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Carmel *sive* Charles Camilleri li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet izzomm lil Charmaine *sive* Carmen Camilleri milli tbiegh, tittrasferixxi u/jew tiddisponi *inter vivos* mill-proprjetà ossia fond numru 93A, Archbishop Street, Valletta, sia b'titolu oneruz jew gratuwitu, u/jew milli tohloq xi piz jew dritt/ijiet reali u jew personali fuq l-istess proprjetà.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Charmaine *sive* Carmen Camilleri.

Rat l-Art. 873 u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-kuntest.

Ikkunsidrat illi jirrizulta illi bejn il-partijiet hemm pendenti kawza dwar disposizzjoni testamentarja rigwardanti fond *de quo*.

Ir-rikorrenti jikkontendi li huwa sid tan-nofs il-fond mertu tal-proceduri.

L-intimata ssostni biss illi r-rekwizit tal-ligi ta' pregudizzju rrimedjabbli huwa nieqes u b'hekk il-vot tal-ligi mhuwiex sodisfatt. Din il-Qorti ma taqbilx. Huwa minnu li xi xorta ta' rimedju jkun dejjem disponibbli f'kaz li l-proprjetà tinbiegh. Madanakollu, il-jedd fuq dik il-proprjetà jkun intilef darba ghal dejjem, dan minbarra l-fatt li huwa meqjus ghaqli li, fic-cirkostanzi, tigi kristalizzata s-sitwazzjoni sabiex jigu evitati aktar proceduri milli digà jezistu.

B'hekk il-Qorti tqis il-vot tal-ligi sodisfatt.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kontenuta fir-rikors ta' Carmel *sive* Charles Camilleri.

Il-Qorti tordna lir-Registratur jeffettwa d-debita registrazzjoni skond il-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF